**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 18 TA' FRAR, 2002**

**Avviz Nru: 1682/01AE**

**Nru: 14**

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera CGU Insurance plc**

**vs**

**Anthony Tabone**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mija u sitta u sittin lira Maltija u wiehed u erbghin centezmu (Lm166.41) rapprezentanti danni li gew sofferti meta l-konvenut li kien qieghed isuq il-vettura bin-numru BAG 446 fis-16 ta' April 2000 gewwa l-limiti tal-Mosta habat mal-vettura bin-numru BBJ 794 propjeta ta' Robert Suban u kkaguna danni f'din l-istess vettura.

Il-konvenut, ghalkemm jirrizulta li gie notifikat bl-atti tal-kawza, baqa' ma deherx fis-seduti ta' l-1 ta' Frar 2002 u tat-12 ta' Frar 2002. Pero' fis-seduta ta' l-1 ta' Frar 2002 deher rapprezentant tas-socjeta Fogg Insurance Company Limited li ddikjara li kien qieghed jirraprezenta l-interessi tal-konvenut u tas-socjeta assiguratrici.

Ikkunsidra:

1. Dwar ir-responsabbilta u l-quantum tad-danni m'hemmx kontestazzjoni. Pero' qeghdin jigu kontestati l-ispejjez gudizzjarji.

2. It-Tribunal irid jiccjara li dak li jikkoncernah fil-proceduri odjerni hija l-kwistjoni bejn il-kontendenti, u mhux kwistjonijiet li jista' jkun hemm bejn is-socjeta attrici u terzi li m'humiex parti f'dawn il-proceduri. Dan qieghed jinghad fir-rigward tal-kumpannija Fogg Insurance Company Limited, li ghalkemm uriet interess fis-smiegh tal-kawza ma kenitx wahda mill-partijiet.

3. B'riferenza ghall-ispejjez gudizzjarji, il-konvenut naqas milli jressaq provi li qabel ma gew intavolati dawn il-proceduri huwa kkomunika b'xi mod mas-socjeta attrici u accetta r-responsabbilta u/jew offra li jhallas ghad-danni. Ghalhekk,

fic-cirkostanzi s-socjeta attrici kellha l-jedd li tintavola proceduri sabiex tirkupra dak li huwa dovut lilha.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jiddikjara li  l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident meritu tal-kawza u jikkundannah ihallas is-somma ta' mija u sitta u sittin lira Maltija u wiehed u erbghin centezmu (Lm166.41).

Bl-ispejjez (mhux inkluzi d-drittijiet legali) kollha kontra l-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**